

# Żmien l-aħħar gwerra u x-xelters

**minn Lino Wettinger**

Fl-assedju ta' l-aħħar gwerra (*1939 sal-1945*), il-ħbit fuq Malta kien ferm differenti minn dak tal-assedju tal-1565 peress illi fl-aħħar gwerra l-ħbit fuq il-gżejjer tagħna kien kollu mill-ajru permezz tal-ajruplani Taljani u Ġermaniżi li kienu ġejjijn u sejrin jitfgħu l-bombi fuqna. Dawn kienu jattakkaw sew il-port il-Kbir bit-Tarzna b'kollox, kif ukoll l-ajruport ta' Ħal Luqa u ta' Ta' Qali u Kalafrana. Tant kien ikun hemm attakki fuq dawn il-postijiet li l-poplu tal-ibliet u rħula ta' madwar, kellhom ifittxu kenn fl-irħula li kienu l-bogħod sabiex jeħilsu mill-bombi ta' l-għadu li għamlu ħerba mill-bini.

Għalkemm ir-raħal tagħna ma tantx sofra ħsara fil-bini għaliex l-uniku bomba li waqgħet hawn kienet dik fid-dar ta' l-Azzjoni Kattolika li parti minnha kienet isservi bħala skola, xorta waħda r-residenti kienu mbeżża minn xi diżgrazzja.

Peress li r-raħal tagħna ma tantx kien attakat, kienu ġew fostna kwantita' ta' refuġjati li telqu mill-irħula u bliet iżjed esposti. Ħafna minn dawn in-nies kienu qagħdu fl-iskola tar-raħal, fil-Mużew ts-subien, fiċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Katolika, jew sabu kenn fi djar ma' tal-familja. B'dan il-mod il-popolazzjoni tal-Għargħur kienet kważi rduppjat fin-numru.

Imma waqt l-attakki mill-ajru ma kienx hawn fejn wieħed jistkenn u kulħadd beda jdabbar rasu taħt xi arkati jew bejn il-ħitan ħoxnin tad-djar u l-knejjes jew kantini taħt id-djar.

Meta mbagħad il-qawwa ta' l-għadu bdiet tiħrax, dawn il-postijiet ta' kenn ma baqgħux iktar tajbin u għalhekk kellhom jiġu mħaffrin xelters fil-blat taħt l-art fejn in-nies kienu aktar salvi f'każ li jintefgħu bombi u jaqa' l-bini.

Fir-raħal tagħna ġew imħaffrin numru mhux ħażin ta xelters f'kull naħa u f'kull triq biex b'hekk in-nies ta' dawk l-inħawi jinżlu fihom sabiex jistkennu kull meta ddoqq is-sirena. Kien hemm nies li saħansitra kienu jorqdu f'dawn ix-xelters matul il-lejl peress li l-ajruplani ta' l-għadu kienu jattakaw lil Malta l-ħin kollu.

Uħud mix-xelters li kien hawn fir-raħal kienu dawn:

- Wieħed fi Sqaq il-Kbir (*illum Triq Fidiel Zarb*) li kellu bokka fil-bidu tal-isqaq u oħra ftit aktar il-ġewwa.
- Wieħed fi Sqaa iż-żgħir (*illum Charlotte Alley*) li kellu żewġ bokok ukoll imbegħdin ftit metri.
- Ieħor kbir tħaffer fi Triq Mons. Luigi Catania, dan għandu b'ħafna bokok: fil-kantina tad-dar tal-kappillan; fil-kantunira fejn imissu Triq Ferdinand u Mons Catania; f'dar 61 Triq Mons Catania li tinżel minna b'garigor; bokok oħra li jagħtu għalih qegħdin fil-kantina tal-Museum tas-subien u oħra f'dar 10 Triq Mons L. Catania fejn qabel kien il-każin tal-Banda San Bert, li whud mill-kmamar tiegħu kienu wkoll iservu ta' klassijiet ta' l-iskola.
- Xelter ieħor kien ħdejn Sqaq ir-Ruzarju u wkoll kellu żewġ bokok li kienu ftit il-bogħod minn xulxin.
- Ieħor kien imħaffer wara l-Knisja li bħal parti l-kbira tax-xelters kellu żewġ bokok, f'dan il-każ ma kienux imbegħda wisq minn xulxin.
- Fi Triq il-Kbira kien hemm ieħor bi tlett bokok: tnejn li kienu fl-istess Triq u waħda fi Triq il-Ġdida.
- Dejjem fi Triq il-Kbira kien hemm xelter li tinżel għalih mill-kantina tad-dar numru 63 u bokka oħra ftit il-bogħod mill-Kappella ta' Santa Marija ta' Bernarda.
- Fi Triq San Bartilmew kien hemm xelter li kien jinsab quddiem l-għassa tal-Pulizija li kellu żewġ bokok ftit 'il bogħod minn xulxin. Dan ix-xelter kellu l-ħitan, l-art u s-saqaf ibbattmati peress li fih kien hemm sala tal-maternita li fiha twieldu żewġ trabi lil nisa li kienu aħwa.
- Xelter ieħor kin jinsab fi Triq San Nikola mal-ġenb tat-tank tal-ilma. Dan ukoll kellu żewġ bokok viċin xulxin.
- Xelter ieħor kien fi Triq San Ġwann li kien imħaffer parti minnu taħt Ġnien il-Paċi. Dan kellu żewġ bokok viċin xulxin.
- L-aħħar xelter li nsibu kien dak li jinsab fl-iskola primarja. Dan kont tinżel għalih minn żewġ bokok li kienu jinsabu fil-bitħa ta' l-iskola stess.

Naturalment jeżistu xelters oħra li huma privati u li s-sidein tad-djar ħaffru għall-użu personali tagħhom.

## L-aħħar kelma

Xi bliet jew irħula irnexxilhom jifthu u jnaddfu xi xelters biex iniżżlu nies jarawhom, l-iżjed tfal tal-iskola u turisti. Dawn ix-xelters huma importanti ħafna għaliex għandhom storja twila u huma mafkar ta' l-aħħar gwerra dinija.